# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU 2002**

**Avviz Nru 483/00DM**

**Carmelina Cilia**

**Vs**

**Ivan Borg**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni li hu kkagunalha in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara f' Mons. Michael Azzopardi, Siggiewi fit-22 t'April 1998 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAJ 573 habat mal-vettura GAC 172, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konenut Ivan Borg fejn eccepixxa illi:

1 Id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi ghall-incident in kwistjoni kienet tahti l-istess attrici tant li s-socjeta' assikuratrici taghha, Laferla Insurance Agency Limited kienet assumiet ir-responsabbilta' tal-incident u hallset lill-eccipjenti d-danni kollha li huwa sofra fuq il-vettura tieghu fl-istess incident awtomobilistiku.

2 Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament'

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti mill-attrici jikkonsistu esklussivament mid-deposizzjopni ta' ex-P.S. 509 John Lentini, li kien l-ufficjal li nvestiga l-kaz.

Minn din id-deposizzjoni tirrizulta lampanti r-responsabilta' tal-istess attrici ghall-incident stante l-istat ta sakra li kienet fih tant li lanqas ma setghet tispjega kif grat il-kollizzjoni.

Minn-naha tieghu, il-konvenut jispjega li huwa kien il-'main road user' meta gie ostakolat mill-attrici li dahlet ghall fuqhu minn triq laterali u inoltre ddikjara li l-assikurazzjoni tal-attrici digia' assumiet r-responsabilta' ghall-kollizzjoni tant li hallset ghad-danni li sofra l-istess konvenut. Bi prova ta dan il-konvenut pprezenta kopja tal-ittra li akkompanjat il-pagament li jirreferi ghat-tiswija tal-vettura tieghu, Nru. FAJ573.

Ghaldaqstant issib li kienet l-attrici stess risponsabbli ghall-kollizzjoni u fil-waqt li tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut tirrespingi t-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 34